SANTA LUĊIJA

# MINUTI – IS-SITT KUNSILL

## LAQGĦA NUMRU 01-12

Illum l-Erbgħa, 4 ta' April 2012
Il-Kunsill iltagħqa fl-Uffiċċju Amministrattiv, 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fl-4.00 pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri: Frederick Cutajar, Joe Balzan, Terrence Ellul, Joseph Bonello u Caroline Galea.

## ASSENTI

Ħadd

## TALBA

Is-Sur Joe Balzan bħala l-aktar Kunsillier anzjan fetaħ il-laqgħa u stieden lil Kanonku Father Malcolm Agius biex jgħid it-talba. Filfatt il-Kanonku Father Malcolm Agius għamel talba ta' l-okkażjoni.

## 2. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' SINDKU

Is-Sur Balzan, bħala l-aktar Kunsillier anzjan, staqsa lis-Sur Frederick Cutajar, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għal-lokalita' ta' Santa Luċija, li kiseb l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill, jekk jaċċettax il-kariga ta' Sindku. Is-Sur Cutajar qal li jaċċetta l-kariga ta' Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċettazzjoni.

## 3. AĊĊETTAZZJONI TAL-KARIGA TA' VIĊI SINDKU

Is-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar, staqsa lis-Sur Joe Balzan, bħala l-Kunsillier elett fl-aħħar elezzjoni lokali għal-lokalita' ta' Santa Luċija, li kiseb, minbarra s-Sindku, l-għola għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-Partit Laburista li f'dawn l-elezzjonijiet kiseb il maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri f'dan il-Kunsill, jekk jaċċettax il-kariga ta' Viċi Sindku. Is-Sur Balzan aċċetta l-kariga ta' Viċi Sindku u ffirma l-ittra ta' aċċetazzjoni.

## 4. MESSAĠĠI TA' L-OKKAŻJONI

**4.1** Is-Sindku, is-Sur Frederick Cutajar, qal li kif inhi l-użanza f'dan il-Kunsill jistieden lil membri eletti biex jagħmlu diskors qasir għall-okkażjoni. Huwa stieden lil Terrence Ellul bħala l-iżgħar Kunsllier biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-Kunsillier Ellul feraħ lis-Sindku u lil Viċi Sindku u qal li huwa ta' pjaċir għalih li ngħaqad ma' dan il-grupp. Huwa awgura li dan il-Kunsill jaħdem bħala *team* wieħed għal ġid tal-lokalita' ta' Santa Luċija.

**4.2** Is-Sindku stieden lil Kunsillier Joseph Bonello biex jagħmel id-diskors tiegħu. Il-Kunsillier Bonello qal li jingħaqad ma' dak li qal Terrence Ellul u feraħ lis-Sur Cutajar li għal darb' oħra reġa' ġie elett bħala Sindku. Huwa feraħ ukoll lis-Sur Balzan għal ħatra tiegħu bħala Viċi Sindku. Il-Kunsillier Bonello awgura li dan il-Kunsill ikompli jaħdem f'armonija f'dawn it-tlett snin li ġejjin.

**4.3** Is-Sindku għadda biex jistieden lil Kunsilliera Caroline Galea biex tagħmel id-diskors tagħha. Hija wkoll ingħaqdet ma' sħaba billi ferħet lil Kunslliera eletti. Il-Kunsilliera Galea qalet li xtaqet tirringrazzja l-istaff tal-Kunsill għas-sapport u l-appoġġ tagħhom kif ukoll lir-residenti ta' Santa Luċija li għoġobhom jelleġġu lil dan il-Kunsill. Hija qalet li għalkemm tinsab f'pożizzjoni partikolari, xorta waħda tħossa komda biex taħdem għax il-Kunsill dejjem ħadem għal ġid tal-lokalita' u l-komunita' mingħajr interessi partiġjani.

**4.4** Is-Sindku talab lil Viċi Sindku biex jagħmel id-diskors tiegħu. Is-Sur Balzan feraħ lis-Sindku u lil Kunsilliera eletti b'mod speċjali lil Kunsillier il-ġdid Terrence Ellul. Huwa awgura li dan il-Kunsill imur tajjeb bħal ma marru l-ħames Kunsilli preċedenti għax għalih dan huwa l-ħames Kunsill. Huwa qal li dejjem kien hemm qbil mingħajr ma kien hemm bżonn ta' votazzjonijiet.

**4.5** Fi tmiem il-laqgħa s-Sindku qara dan id-diskors li ħejja għall-okkażjoni.

Rev. Kappillan Fr. Malcolm Agius, Sur Viċi Sindku, kollegi Kunsillieri, Sinjura Segretarju Ezekuttiv, Sinjuri Distinti. Din hija ġurnata speċjali għalija u ser tkun is-sitt darba li ser nieħu l-ġurament ta' Sindku ta' din il-belt sabiħa. Minn qalbi ngħid li għalija din il-belt tfisser kollox. Il-lokalita ta' Santa Luċija, belt żgħira li fiha joqogħdu ħafna familji, hija fost l-aktar lokalitajiet densi li wieħed isib f'Malta. Minkejja dan hija belt kwieta, nadifa li fiha jispikkaw il-ġonna. Biżejjed insemmu wieħed mill-aktar ġonna sbieħ li hawn f'Malta, Ġnien is-Serenita', li huwa wkoll wieħed mill-attrazzjonijiet nazzjonali li jagħmlu lil pajjiżna ġojjel fl-Ewropa.

Illum din il-lokalita' ghandha Kunsill ġdid. Nibda biex ngħid prosit lil Kunsilliera li kienu membri tal-Kunsill li għadu kif spiċċa u li reġgħu ġew eletti, filwaqt li nifraħ lil Terrence Ellul li ġie elett għall-ewwel darba. Xtaqt nirringrazzja lil Paulette Gafa` tal-ħidma tagħha fil-Kunsill f'dawn l-aħħar ħames snin u lil dawk il-Kunsilliera kollha li taw sehemhom mil-ewwel Kunsill ta' Santa Luċija sa llum.

Li tkun membru fil-Kunsill Lokali mhix ċajta. Il-Kunsill huwa Gvern Lokali li bl-akbar responsabilita' jrid jamministra fondi pubbliċi u jwettaq bl-akbar għaqal u serjeta l-funzjonjiet kollha ddelegati lilu. Xtaqt fil-qosor nelenka xi ftit mill-isfidi li għandu quddiemu dan il-Kunsill u nibda bix-xoghol ta' *resurfacing* ta' toroq. Bdejna bi Triq Ineż Soler u ltqajna ma' ħafna problemi tekniċi li ħadu xi ftit taż-żmien biex ġew indirizzati. Dawn il-problemi ġabu magħhom ukoll problemi finanzjarji, għax l-ispiża żdiedet b'mod sostanzjali. Biss jiena ninsab konvint li b'rieda tajba u bil-għaqal jirnexxielna naslu.

Sfida oħra li għandu dan il-Kunsill huwa s-servizz tat-trasport pubbliku li għalkemm ma jaqgħax direttament taħt il-Kunsill Lokali, irridu nkunu viġilanti u nitkellmu ma' l-Awtoritajiet ikkonċernati biex naraw li dan is-servizz jitjieb. Nista' ngħid li grazzi għal ħidma kontinwa tal-Kunsill, fil-futur qarib ser ikun hemm xi żviluppi pożittivi f'dan ir-rigward.

Wieħed mill-proġetti li jiena personali nixtieq li jseħħ huwa dak tal-bini u twaqqif ta' ċentru ċiviku. Wasal iż-żmien li din il-lokalita' jkollha ċentru ċiviku li jaqdi l-bżonnijiet tal-komunita' u jagħmel id-differenza fil-ħajja ta' kull resident, sew jekk tfal, żgħażagħ u anzjani, kif wara kollox jitlob iż-żmien ta' llum. Jien inwiegħed li flimkien mal-Kunsill kollu ser inkun qed nagħmel ħilti kollha biex nara li din il-ħolma ssir realta'.

Bi pjaċir insemmi wkoll il-proġett ta' rinovazzjoni ta' Ġnien is-Serenita'. Nista' ngħid li dan il-ġnien kważi ser jinbena mill-ġdid b'nefqa ta' 1.7 miljun euro. Bħalissa qed tiġi ffinalizzata l-applikazzjoni tal-Mepa. Il-ġimgħa d-dieħla ser tasal it-tieni delegazzjoni Ċiniża li qed taħdem fuq dan il-proġett li ser isir mill-Protokol finanzjarju bejn Malta u ċ-Ċina. B'hekk din il-ġawra ser tkompli ssebbaħ lil din il-lokalita' tagħna. Ma rridux ninsew li Ġnien is-Serenita' huwa rigal tal-Poplu Ċiniż lil Poplu Malti, u l-Kunsill ta' Santa Luċija huwa l-gwradjan ta' dan ir-rigal.

Proġetti oħra ambizzjuzi li għandu quddiemu dan il-Kunsill huma l-wiċċ gdid tal-Jogging Track u proġetti ambjentali bħal dak tal-pannelli fotovoltajiċi fi Ġnien is-Serenita'. Fi ftit ġimgħat oħra ser tinfetaħ librerija pubblika fil-*premises* il-ġodda li kera l-Kunsill li diġa qed jiffunzjonaw bħala IT Centre li fihom qed isir tagħlim tal-kompjuter għar-residenti ta' kull eta'. Ser jitlesta wkoll il-proġett tal-latrina pubblika li wasal fil-fażi finali tiegħu.

Sejrin ukoll naħdmu lkoll flimkien fuq il-qasam soċjali. Irridu naħdmu ma' l-awtoritajiet tal-Knisja dwar inizjattivi bħal m' huma t-tqassim ta' l-ikel mill-Unjoni Ewropea lil familji fil-bżonn, ħidma miż-żgħażagħ lejn l-anzjani permezz ta' skema 'Adotta Nannu jew Nanna' li għandha l-għan li tgħin lil anzjani biex ma jħossuhomx waħidhom. Din l-inizjattiva diġa qed taħdem fl-lokalitajiet oħra u tajjeb li nibdewha aħna wkoll. Xtaqt li f'isem sħabi nwiegħed lil Kappillan il-ġdid li dan il-Kunsill ser ikun warajh fil-ħidma soċjali tiegħu fost il-komunita'.

Jiena konvint li l-passat ta' dan il-Kunsill ser ikun mera tal-futur. Il-Kunsill Lokali f'Santa Luċija dejjem kellu nies validi li għal darb' oħra nsellmilhom u nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnhom, sew dawk preżenti u dawk li minħabba raġunijiet oħra ma setgħux ikunu magħna llum. Kollha kienu leali lejn il-ġurament tal-ħatra tagħhom bħala Kunsillieri tal-Kunsill li servew fih. Għan-nom tal-komunita' ta' Santa Luċija, grazzi mill-qalb. Xtaqt ngħid grazzi wkoll lil l-istaff preżenti tal-Kunsill immexxi b'abilita' mis-Segretarju Eżekuttiv kif ukoll lil dawk li taw is-servizz tagħhom fil-passat. Grazzi wkoll imur għal familjari tagħna, li jieħdu tant paċenzja bina u bil-problemi tagħna. Fl-aħħar xtaqt ngħid grazzi wkoll lir-residenti li jagħmlu dan il-Kunsill għax huma l-qalb u r-ruħ ta' din il-belt.

Grazzi lil kulħadd u awguri lil Kunsill il-ġdid.
Alla bierek lil Santa Luċija.

**5. TMIEM**

Il-Laqgħa ntemmet fl-4.30p.m.

Il-Kunsill jerġa’ jiltaqa' nhar it-Tnejn, 23 ta' April 2012 fis-1.30 p.m.

**Caroline Silvio**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Approvati llum it-Tnejn, 23 ta' April 2012**

**Frederick Cutajar**
**Sindku**